



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, is-16 ta' Frar 2016

Il-Greċja: l-assistenza teknika għandha tiffoka fuq "riformi sostenibbli", jgħidu l-Awdituri tal-UE

L-assistenza teknika li tingħata biex tgħin lil pajjiżi fi kriżi bħall-Greċja għandha tiffoka fuq riformi sostenibbli u fuq għajjnuna għall-kontinwità tal-operat, billi ssaħħa l-amministrazzjonijiet nazzjonali, skont il-Qorti Ewropea tal-Awdituri. F'rapport ġdid dwar it-Task Force għall-Greċja stabbilit fl-2011 mill-Kummissjoni Ewropea, l-awdituri jirrakkomandaw li, fil-futur, korpi bħal dawn għandhom ikunu bbażati fuq strateġija b'objettivi definiti tajjeb, filwaqt li l-assistenza għandha tkun ipprijoritizzata u ffukata.

It-Task Force ffoka fuq ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika fil-Greċja, it-titjib tas-sistema fiskali u r-ritorn għal tkabbir permezz tat-trawwim tal-ambjent tan-negozju tagħha. L-awdituri eżaminaw jekk huwa kienx issodisfa l-mandat tiegħu u jekk l-assistenza kinitx ikkontribwiet b'mod effettiv għar-riforma. Huma kisbu evidenza mill-Kummissjoni, minn fornituri ta' servizzi, mid-dipartimenti tal-gvern Grieg u minn partijiet interessati oħra.

"Għalkemm it-Task Force wera li fil-fatt jiffunzjona tajjeb bħala mekkaniżmu għat-twassil ta' assistenza teknika kumplessa, kien hemm dgħufijiet fit-tfassil ta' xi proġetti u kien hemm biss riżultati mħallta f'termini ta' influwenza fuq il-progress tar-riforma," qal is-Sur Baudilio Tomé Muguruza, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport.

L-assistenza teknika twasslet lill-awtoritajiet Griegi skont il-mandat, iżda mhux dejjem mexxiet ir-riformi 'l quddiem biżżejjed, jgħidu l-awdituri, filwaqt li jinnutaw li l-valutazzjoni tagħhom trid titqies fil-kuntest tas-sitwazzjoni politika volatili fil-Greċja. Il-ħtieġa għall-urġenza fissret li t-Task Force ġie stabbilit malajr ħafna, mingħajr ma twettqet analiżi sħiħa ta' possibbiltajiet oħra u mingħajr baġit iddedikat. Huwa ma kellu ebda dokument strateġiku komprensiv uniku għat-twassil tal-assistenza jew biex jiddeċiedi x'kienu l-prijoritajiet.

It-twassil tal-assistenza kien rilevanti u ġeneralment ikkonforma mar-rekwiżiti tal-programm, u t-Task Force żviluppa sistema flessibbli u diversifikata għat-twassil. Madankollu, kien hemm dgħufijiet fil-livell tal-proġetti: il-proċeduri għall-għażla tal-fornituri ta' servizzi ma kinux dejjem ibbażati fuq analiżi, magħmula b'reqqa, tal-alternattivi disponibbli, u xi kuntratti ta' assistenza fuq terminu twil ma kinux jiddikjaraw b'mod ċar x'kien mistenni li dawn iwasslu.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem T: (+352) 4398 47 063

Damijan Fišer – Uffiċjal għall-Istampa T: (+352) 4398 45410

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditorsECA eca.europa.eu

M: (+352) 691 55 30 63

M: (+352) 621 55 22 24

Is-sistema għall-monitoraġġ tal-progress kienet effettiva, iżda l-estent tal-kontrolli fuq fornituri esterni kien varjabbli ħafna, jgħidu l-awdituri. Barra minn hekk, din ma mmonitorjatz sistematikament kif l-awtoritajiet Griegi taw segwitu għar-rakkomandazzjonijiet jew l-impatti usa' tal-assistenza teknika.

L-impatt fuq il-progress tar-riforma kien ivarja, billi l-implimentazzjoni kienet barra mill-kontroll tat-Task Force u suġġetta għal fatturi esterni. Il-progress fuq l-infiq strutturali kien tajjeb, iżda kien biss parzjalment effettiv fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u tat-tassazzjoni.

Rakkomandazzjonijiet

L-awdituri jirrakkomandaw li kwalunkwe entità għat-twassil tal-assistenza teknika għandha tkun ibbażata fuq strateġija b'objettivi definiti tajjeb; li l-assistenza teknika għandha tiġi pprijoritizzata u topera skont il-leġislazzjoni eżistenti; u li din għandha tiffoka fuq it-tiżni tal-kapaċità ta' amministrazzjonijiet nazzjonali bil-ħsieb li jkun hemm kontinwità tal-operat u s-sostenibbiltà tar-riformi.

Huma jirrakkomandaw ukoll li l-Kummissjoni għandha:

- toħloq grupp ta' esperti esterni li jistgħu jitqabdu jaħdmu fuq bażi *ad hoc* fuq proġetti tal-assistenza teknika fl-Istati Membri;
- tissimplifika l-għadd ta' sħab fl-assistenza teknika biex tiżgura l-koerenza u tnaqqas l-isforz meħtieġ għall-koordinazzjoni tal-politika;
- tagħżel il-fornituri ta' servizzi bbażat fuq analiżi kumparattiva u tiddefinixxi b'mod ċar l-ambitu tal-assistenza teknika li għandha titwassal;
- tiżgura li l-implimentazzjoni tal-assistenza teknika tiġi mmonitorjata u evalwata b'mod sistematiku, u li t-tagħlimiet meħuda jerġgħu jintużaw biex jalimentaw il-proċess.

Noti lill-Edituri

Fir-rebbiegħa tal-2010, meta kienet qed tiffaċċja kriżi finanzjarja severa, il-Greċja talbet assistenza finanzjarja mill-komunità internazzjonali. Ir-rispons mill-Istati Membri fiż-żona tal-euro u mill-FMI kien li jiġi stabbilit programm ta' aġġustament ekonomiku. Fis-sajf tal-2011, il-Kummissjoni Ewropea nediet programm ta' assistenza teknika li kellu jiġi kkoordinat minn korps magħruf bħala t-Task Force għall-Greċja, biex jgħin fl-implimentazzjoni tar-riformi maqbula mill-Kummissjoni u l-awtoritajiet Griegi. It-Task Force ffoka fuq l-appoġġ tal-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa mill-programmi ta' aġġustament ekonomiku u l-aċċelerazzjoni tal-assorbiment tal-fondi tal-UE. L-assistenza twasslet minn persunal tat-Task Force u minn esperti mis-servizz pubbliku fi Stati Membri oħra, minn organizzazzjonijiet internazzjonali u mis-settur privat. Din ħadet diversi forom: minn appoġġ kontinwu pprovdut lill-awtoritajiet Griegi minn esperti residenti, sa studji, rapporti u sessjonijiet ta' ħidma ddedikati.

Ir-Rapport Speċjali Nru 19/2015 "Jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni għar-risultati biex jitjeb it-twassil tal-assistenza teknika lill-Greċja" huwa disponibbli fi 23 lingwa tal-UE.